Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 602/2007

**Maltacom p.l.c. C22334 u b'digriet tas-27 ta' Novembru, 2007 l-isem tas-socjeta' attrici gie sostitwit bl-isem GO p.l.c.**

**Vs**

**Quality Trading and Services Limited C3345**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm324.82c) rapprezentanti servizzi tat-telefon bin-numri 21492500, 21491292 u 21444641.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ tlett mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm324.82c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------